MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 57/1999/1

**Richard Matrenza**

**v.**

**Joseph Zahra f'ismu proprio bhala editur tal-gazzetta "In-Nazzjon" u Joe Mikallef bhala l-awtur ta' l-artikolu inkriminanti**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Din hi kawza ta’ libell, fejn l-attur Richard Matrenza qed jappella mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fis-16 ta’ Ottubru 2002, li kienet cahdet it-talbiet tieghu, bl-ispejjez kontra tieghu.

Fl-imsemmija citazzjoni l-attur ippremetta illi l-konvenut editur, fil-harga ta’ “In-Nazzjon” tas-7 ta’ Jannar 1999 ippubblika rapport intitolat *“Lm1,687 f’lozor u xugamani”* miktub mill-konvenut l-iehor Joe Mikallef, liema stampat huwa wkoll akkumpanjat minn ritratt ta’ l-istess attur; illi meta l-konvenuti ghamlu dan, huma attribwew fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku; illi minhabba dan l-istampat huwa sofra danni li jintitolawh jipprocedi b’azzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap. 248; premess dan, l-imsemmi attur talab li l-Qorti (**1**) tiddikjara lill-konvenuti hatja ta’ malafama fil-konfront tieghu meta stampaw u kitbu l-artikolu aktar ‘l fuq imsemmi fil-harga ta’ “In-Nazzjon” tas-7 ta’ Jannar 1999, u (**2**) tikkundannahom ihallsuh somma li ma teccedix il-hamest elef lira skond l-imsemmi Artikolu 28.

Il-konvenuti, bin-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom tat-28 ta’ April 1999 (fol. 10) wiegbu hekk:

**“Illi ma hemm xejn libelluz fil-konfront ta’ l-attur fil-pubblikazzjoni *de quo* izda f’kull kaz il-fatti riprodotti huma veri.**

**“Salve** *(sic!)* **eccezzjonijiet ulterjuri.”**

Jigi precizat li fil-kors tas-smigh quddiem l-ewwel Qorti ma gew sollevati ebda eccezzjonijiet ohra, <u>b’mod ghalhekk li l-unika difiza proposta mill-konvenuti kienet dik li l-artikolu ma kienx libelluz u li, fi kwalunkwe kaz, dak li nghad kien veru</u>.

**L-artikolu inkriminat**

Tajjeb li qabel xejn jigi riprodott l-artikolu in kwistjoni. Dana l-artikolu deher fil-faccata ta’ quddiem tal-harga tal-

Hamis, 7 ta’ Jannar 1999. L-intestatura tieghu – b’tipa ta’ diversi dimensjonijiet u formati – tghid hekk: ***“F’inqas minn hmistax-il jum -- £1,687 f’lozor u xugamani – parti min-nefqa akbar ta’ £2,534 fi ftit jiem.”*** Ma’ genb kopja ta’ *invoice* mahruga mid-ditta *John Lewis* ta’ *Oxford Street* u ritratt, ta’ dimensjoni izghar, ta’ l-attur, l-artikolista Joe Mikallef kiteb hekk (din il-Qorti qed tissottolinea hi xi partijiet mill-artikolu ghall-fini ta’ dak li ser jinghad aktar ‘l quddiem):

**“Fiz-zmien li Richard Matrenza kien il-Kummissarju Gholi ta’ Malta ghall-Ingilterra, intefqu xejn anqas minn £1,687 f’lozor u xugamani minghand id-ditta ‘John Lewis’ ta’ Oxford Street f’Londra. Dawn kienu parti minn xirja akbar ta’ £2534.23.**

**“Mhux maghruf x’kien l-iskop li l-ex-Kummissarju Gholi ta’ Malta ghall-Ingilterra nefaq tant flus biex xtara dawn il-lozor u xugamani f’periodu ta’ anqas minn hmistax-il gurnata.**

**“Jirrizulta fil-fatt li l-Kummissjoni Gholja xtrat dawn il-lozor u xugamani fil-periodu bejn id-9 ta’ Awissu ’97 u l-21 ta’ Awissu ta’ l-istess sena. Jigifieri f’periodu tant qasir hu l-ewwel nefaq £389.60 f’xugamani nhar id-9 ta’ Awissu ’97; jumejn wara nefaq £975.70 f’lozor u mbaghad, fil-21 ta’ l-istess xahar, l-ewwel nefaq £149.25 f’lozor u fl-istess jum hareg hlas iehor ta’ £172.30 ghal aktar lozor.**

**“Dan l-infiq esagerat ta’ flus fuq lozor u xugamani mill-Kummissjoni Gholja fl-Ingilterra jikkontrasta hafna ma’ dak li kien qal l-istess ex-Kummissarju Gholi ta’ Malta ghall-Ingilterra meta kien ilmenta li *dustbin* ghall-ufficcju tieghu fil-Kummissjoni fl-Ingilterra kien inxtara £100.**

**“Ghal Richard Matrenza n-nefqa ta’ £100 fuq *bin* miksi bil-gild, li fil-fatt ma kienx wiehed izda tnejn, kien hela ta’ flus. Izda l-infieq ta’ £1,685 fuq lozor u xugamani ma kienx hela!**

**"Il-'Malta House' fil-qalba ta' Londra mhux biss tinkludi l-Kummissjoni Gholja ta' Malta f'Londra izda l-fergha tal-linja nazzjonali ta l-ajru l-*Air Malta* kif ukoll l-ufficcju ta' l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turizmu fl-Ingilterra.**

**"Bla dubbju ta' xejn li bini bhal dan hu, u ghandu jkun, vetrina ghal pajjizna fost il-barranin."**

Inoltre, bejn l-*invoice* u r-ritratt gew inseriti l-kliem *"'Statement' dwar infiq minn John Lewis ghall-Kummissjoni Gholja ta' Malta fl-Ingilterra fiz-zmien li Richard Matrenza (xellug* [1]*) kien Kummissarju Gholi ta' Malta fl-Ingilterra."*

**Is-sentenza appellata**

Biex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fis-sentenza taghha tas-16 ta' Ottubru 2002:

"L-attur qed joggezzjona ghall artikolu li deher fil gazzetta Nazzjon tas-7 ta' Jannar, 1999 (Ara Dok A) fejn gie pubblikat rapport intitolat "L1,687 f'lozor u xugamani" miktub mill-konvenut l-iehor Joe Mikallef, liema stampat huwa wkoll akkompanjat minn ritratt ta' l-attur sovvrapost fuq dokumenti ufficjali tal- Kummissjoni Gholja Maltija.

"L-attur qed jissottometti li l-intenzjoni tal-konvenuti kienet li jnaqqsu ir-reputazzjoni tieghu fl-imhuh tal-qarrejja billi jpinguh bhala persuna li tberbaq flus il-poplu ghax hu kappriccuz u n-nefqa ma kienitx necessarja. Din l-insinwazzjoni hija inveritjera u l-konvenuti ma ppruvawx li dina n-nefqa kienet esagerata u li ma kienitx mehtiega.

"Minn naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li huma ma ppruvawx jisgwidaw lill qarreja b'informazzjoni li tqarraq, imma dak li ppubblikaw kien sostanzjalment vera u ta' interess pubbliku.  Fl-artikolu imbaghad hemm l-opinijoni

[1] Ghax ir-ritratt jidher fuq ix-xellug ta' dawn il-kliem, mentri l-*invoice* tidher fuq.

ta' l-artikolista li l-ammont hu esagerat. Din hija opinjoni tieghu, li hu intitolat ghaliha; opinjoni tista taqbel jew ma taqbilx izda qatt ma tista tassoggettaha ghat test jekk hiex vera jew le, cioe' mhiex *susceptible of proof,* basta li tkun bazata fuq fatti sostanzjalment vera.

**"Tikkunsidra**

**"Eccezzjoni - Verita' tal-fatti**

"Il-konvenuti qed jeccepixxu li ma hemm xejn libelluz fil-konfront ta' l-attur fil-pubblikazzjoni de quo izda f'kull kaz, il-fatti riprodotti huma veri.

"Fil-fatt jirrizulta li dak li gie rappurtat, cioe li ntefqu 1687 Sterlina f'lozor u xugamani kien vera. Il-figura kienet korretta u x-xugamani u l-lozor kienu nxtraw. Dan gie konfermat minn xhieda prodotti mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

"L-attur pero' qed joggezzjona ghall artikolu billi qed jghid li l-konvenuti riedu jqarrqu billi riedu jaghtu l-impressjoni li l-ammont hu fi flus Maltin meta fil-fatt huma f'munita Sterlina. Inoltre l-impatt viziv kien kbir billi l-kliem ixxandar ma records ufficjali tal-Kummissjoni Gholija u ritratt tieghu mifruxin fuq zewg kolonni bi prominenza kbira u esagerata. L-artikolista jistaqsi x'seta kien l-iskop wara dina n-nefqa, u ghalkemm kellu l-karti f'idejh, naqas li jaghmel il-verifiki soliti.

**"Munita sterlina**

"Il-konvenut Joseph Zahra xehed li c-cifra fl-artikolu kienet sterlina u fl-istess pagna kien hemm cifra ohra ta' Lm10,000 jigifieri ghandek differenza bejn Sterling u Liri Maltin. Id-differenza hija cara. Il-Qorti taqbel ma' dak li qed isostni l-konvenut billi fl-istess faccata magemb l-artikolu l-gazzetta tiddistingwi bejn liri Maltin u liri Sterlini u qarrej ordinarju ghandu facilment jinduna li 1687 kienu sterlini u mhux liri Maltin. Anke mid-dokument mahrug minn John Lewis, dokument mahrug l-Ingilterra, wiehed jistenna li dawn ikunu liri Sterlini.

“Il-konvenuti qed isostnu li bir-rapport huma riedu jinfurmaw lill pubbliku li l-ambaxxata fl-Ingilterra kienet nefqet 1687 Sterlina f’lozor u xugamani. Huma dehrilhom li kienet somma esagerata; kienet nefqa kbira u dina kien fiha news value. Huma kellhom id-dokumenti f’idejhom u vverfikaw li l-figuri kienu korretti.

“Skond il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem “*a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whilst the truth of value judgments is not susceptible of proof.* Lingens 1984*. “The defence of fair comment protects the honest expression of opinion, no matter how unfair or exaggerated, on any matter of public interest. The question for the Court is whether the views could honestly have been held by a fair-minded person on facts known at the time and that have in fact been expressed by a defendant who was not actuated by malice. Whether the Court agrees with it or not is irrelevant.”* (Media Law Robertson and Nicol).

“Fil-kaz in ezami l-konvenuti hassew li nefqa ta’ 1867 Sterlina f’lozor u xugamani kienet nefqa esagerata u huma ntitolati ghall dina l-opinjoni, u m’ghandhomx bzonn jipprovaw jekk dak li qed ihossu hux vera jew le. Hi opinjoni, li anke jekk hi zbaljata, huma ntitolati ghaliha. Kif del resto kien intitolat ghall opinjoni tieghu l-attur meta hass li *bin* miksi bil-gild mixtri ghal mitt lira sterlina kienet hela ta’ flus.

**“Interess pubbliku**

“L-attur qed isostni li l-artikolu de quo la nforma l-pubbliku u lanqas ma ta lilhom xi haga ta’ interess stante li fl-artikolu ma kien hemm xejn, li anke remotament, jista’ jitqies bhala *news value* jew ta’ interess pubbliku.

*“A comment will be on a matter of public interest if it concerns a matter which affects people at large, so that they may be legitimately interested in, or concerned at what is going on or what may happen to them or to others.*

*It will thus include, amongst other matters, opinions on the conduct of public figures.* (Media Law - Carey).

"Fil-kaz in ezami l-qarrejja ghandhom interess ikunu jafu kif qed jintefqu l-flus li qed johrogu mill-erarju pubbliku biex tigi arredata ambaxxata barra minn Malta.

**"Malizzja**

"L-attur qed isostni li l-mod kif gie prezentat ir-rapport hu malizzjuz u qarrieqi u hu intiz biex ihammguh u jkattru dubbju f'mohh il-qarrejja dwar l-integrita' tieghu.

"Il-kwistjoni jekk kienx hemm malizzja jiddependi minn jekk il-kumment kienx wiehed *honestly made*. Huwa veru li l-konvenuti ma riedux iqieghdu lill-attur fi stampa sabiha ghal ragunijiet ovvji, u b'dak li ghamlu l-attur iddejjaq u wegga', imma mhux bil-fors kull haga li ma tintghogobx hija malafamanti u taghti dritt  ghall libell. Wiehed jistenna li jkun hemm kritika anke harxa specjalment f'kaz ta' figura pubblika li suppost hija imdorrija ghal din it-tip ta' kritika li hija parti u konsegwenza tax-xoghol taghhom.

"Illi ghal dak li jittratta dwar **persuni pubblici** tajjeb ukoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li fil-kuntest ta' kritika tal-istess persuni u politici u ta' l-operat taghhom, kienet u ghadha permessa l-attitudini wiesgha ta' fehmiet u opinjonijiet horox anke jekk mhux misthoqqa, u kultant ingusti. Dik il-giurisprudenza giet elaborata f'diversi gjudikati f'dawn l-ahhar snin, fosthom is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Vincent Borg vs Victor Camilleri et"**, (A.C. 15 ta' Novembru, 1994, (Vol. LXXVIII. ii.372).

"Il-kritika hi fondamentali f'socjeta' demokratika, pero' dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkunu ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F'dan ir-rigward il-Gatley (op.cit.) jghid: *In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men*. Gatley

**“Dritt ta’ Risposta**

“Inoltre l-attur setgha dejjem talab lill konvenuti jgibu korrezzjoni fejn jispjega, kif fil-fatt ghamel fil-Qorti, ic-cirkostanzi li wasslu ghal dik in-nefqa u ghaliex dina kienet gustifikata. Izda l-attur ghazel li jipprocedi bil-kawza ta’ libel. Il-konvenuti ssottomettew li l-attur kellu dritt ta’ risposta Art 21 Kap 248 li l-attur ma uzax. *An outright refusal to give the victim of a damaging comment a reasonable opportunity to reply - a rejection of a polite letter to the editor, for example, may betray a degree of malice behind the original comment.* (Robertson & Nicol ) F’dan il-kaz ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma kienx hemm dik il-malizzja necessarja biex wiehed ikun jista’ jipprocedi bil-libell. Il-konvenuti kienu lesti li jaghtu id-dritt ta’ risposta lill attur kieku talabha.

“Finalment il-Qorti tirrileva, kif del resto diga sar accenn aktar il-fuq, li fl-artikolu hemm ukoll bhal speci botta u risposta, billi l-konvenuti rrispondew lill attur li hu stess kien oggezzjona ghall nefqa ta’ 100 sterlina ghall *bin* tal-gilda bhala nefqa zejda. Ghalhekk huma jistaqsu 1687 f’lozor u xugamani mhiex nefqa zejda ?

“Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-artikolu mhux malafamanti imma fih l-opinjoni ta’ artikolista li esprima ruhu, b’mod grafiku u bi prominenza, imma fil-limitu tal-accettabili, fis-sens li l-ammont minfuq mill-attur kien wiehed esagerat.”

**L-appell**

L-attur talab ir-revoka ta’ din is-sentenza u li minflok jintlaqghu it-talbiet tieghu. Jibda biex jinghad li parti sostanzjali mir-rikors ta’ appell ta’ l-attur huwa semplici ripetizzjoni kelma b’kelma tan-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, presentata quddiem l-ewwel Qorti fis-26 ta’ April 2002 (fol. 108 sa 117). Frankament din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif tali nota ta’ osservazzjonijiet, maghmula qabel ma nghatat is-sentenza li qed tigi appellata, tista’ b’xi mod tikkontjeni l-aggravji kontra s-sentenza

appellata[2]. Fil-fatt l-aggravji ta' l-appellant jibdew jidhru biss mill-ahhar paragrafu ta' pagna 8 tar-rikors ta' appell. Bazikament l-appellant jilmenta illi:

(1) l-esagerazzjoni kontenuta fl-artikolu "hija kwistjoni fattwali u mhux opinjoni";

(2) li l-ewwel Qorti haltet jew hawdet l-eccezzjoni tal-verita` tal-fatti ma' dik tal-*fair comment*; a propositu ta' dan l-aggravju l-appellant jghid:

***"Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jigi rilevat li l-ewwel Qorti ma apprezzatx id-distinzjoni bejn il-htiega li tipprova 'sostanzjalment il-fatti allegati' taht l-eccezzjoni tal-fair comment u dak li jrid jigi sostanzjat fl-eccezzjoni tal-exceptio veritatis ghax kif eccepixxa l-istess konvenut 'il-fatti riprodotti huma veri' meta ma kienu veri xejn fis-sustanza taghhom. Kienu biss veri f'parti minnhom izda mhux f'kollox, u huwa l-aghar xenarju f'eccezzjoni ta' din ix-xorta li tghid biss nofs il-verita` u mhux kollha, proprju kif ghamlu*** *(sic!)* ***l-appellat*** [3] ***fil-kawza odjerna li in kontro-ezami b'attitudini arroganti ma ried iwiegeb ghal xejn hlief li c-cifri kienu veri. Illi di piu` il-konsegwenzi guridici ta' tali eccezzjoni huma li fit-termini tal-artikolu 12 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenut ha r-responsabbilta` kollha tal-malafama li taghha huwa addebitat fil-libell odjern. Illi kwindi r-ragjonament tal-Qorti li l-artikolu*** **in ballo** ***ma hux malafamanti jitradixxi l-fatti li l-Qorti ma ghamlitx id-distinzjoni bejn il-fair comment u dak tal-prova tal-'verita` tal-fatti' fil-kaz li ssir eccezzjoni f'dan is-sens. Il-fatt addebitat huwa malafamanti fih innifsu."***

(3) Illi *dato ma non concesso* li hawn si tratta tal-eccezzjoni tal-*fair comment*, li ma jidhirx li huwa l-kaz, anke din l-eccezzjoni ma tistax tregi "ghaliex kif ser jigi

---

[2] Ta' min ighid li anke r-risposta ta' l-appellati hija tista' tghid kopja tan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom ippresentata quddiem il-Prim Awla fis-17 ta' Mejju 2002 (fol. 118 sa 120). Donnha ebda wahda mill-partijiet f'din il-kawza ma riedet taghmel l-icken sforz zejjed biex tghin tistrada l-appell !

[3] Hawn kjarament l-appellant qed jirreferi ghall-konvenut Zahra u d-deposizzjoni tieghu ta' l-14 ta' Dicembru 2001.

trattat fil-kors ta' dan l-appell ma jirrikorrux l-estremi legali biex eccezzjoni bhal din tirnexxi".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

1. Dina l-kawza giet ikkumplikata inutilment mill-partijiet bil-mod kif ikkonducew il-provi u d-difizi rispettivi taghhom. Jinghad mill-ewwel, a skans ta' hela ta' zmien, li t-tielet aggravju ta' l-appellant huwa manifestament infondat – mhux biss ma kien hemm ebda eccezzjoni ta' *fair comment* izda d-difensur ta' l-appellant anqas biss indenja ruhu jidher quddiem din il-Qorti fl-udjenza meta kellu jigi trattat l-appell biex jispjega kif "ma jikkonkorrux l-estremi legali" ghal tali eccezzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju ma jimmeritax li jigi aktar ikkonsidrat.

2. Issa ma hemmx dubju li l-liberta` ta' l-istampa, id-dritt li dina tinforma u d-dritt tal-pubbliku li jigi infurmat, <u>u d-dritt li l-istampa anke tikkritika l-operat ta' persuni, specjalment meta dawn ikunu persuni pubblici</u>, huma aspetti tad-dritt fundamentali tal-liberta` ta' espressjoni li huma ta' importanza vitali ghall-hajja demokratika tal-pajjiz. Kif gie korrettement rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – u kif del resto gie anke sottomess mill-abbili difensur ta' l-appellati quddiem dik il-Qorti – trid issir distinzjoni bejn l-espressjoni ta' opinjoni – l-hekk imsejha *value judgments* – u l-allegazzjoni ta' fatti[4], u dan peress li wiehed ma jistax jipprova l-verita` ta' opinjoni. Ghalhekk, kemm-il darba opinjoni tkun wahda espressa f'termini li minnhom infushom ma jeccedux dak li huwa ragjonevoli u accettabbli f'socjeta` demokratika u tkun ibbazata fuq fatti li jkunu sostanzjalment korretti (u ghalhekk tkun *a fair comment*), tali opinjoni – a differenza ta' fatt allegat – anke jekk tkun opinjoni jew kritika iebsa, m'ghandhiex titqies bhala libelluza. Mill-banda l-ohra, kif gie

[4] **"In the Court's view, a careful distinction needs to be made between facts and value-judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgments is not susceptible of proof. The Court notes in this connection that the facts on which Mr Lingens founded his value-judgment were undisputed, as was also his good faith."** – ***Lingens v. Austria*** A.103 (1986) 8 EHRR 407, para. 43.

ripetutament osservat minn dawn il-Qrati[5], id-dritt tal-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed jghid li jrid minghajr kontroll. Anzi, meta si tratta ta' l-istampa, gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li din ghandha wkoll "doveri u responsabbilitajiet". Kif osservat il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Bladet Tromso and Stensaas v. Norway***, deciza fl-20 ta' Mejju 1999:

**"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of <u>serious public concern</u>. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"…By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of <u>general interest</u> is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide <u>accurate and reliable</u> information in accordance with the ethics of journalism."** (para. 65) (sottolinear ta' din il-Qorti).

3. Kif diga` inghad, f'dan il-kaz il-konvenuti ma tawx l-eccezzjoni tal-*fair comment*. Huma semplicement qalu li l-artikolu ma kien fih "xejn libelluz fil-konfront ta' l-attur" – i.e. ma kienx malafamanti – pero` fl-istess hin taw l-eccezzjoni tal-verita` tal-fatti. Issa, kif inhu risaput, fil-ligi taghna meta l-konvenut – jew l-imputat, f'kawza kriminali – jeccepixxi l-verita` tal-fatti, huwa jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tal-malafama (ara Artikolu 12(1), Kap. 248); pero`, peress li dak li jkun inkiteb ikun jirrigwarda wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-

[5] Ara, per ezempju, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-24 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet ***Dr Sandra Caruana v. Joe Mifsud***, u s-sentenzi citati f'dik is-sentenza.

proviso tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi Artikolu 12, il-ligi tippermetti l-prova ta’ tali verita`; u jekk il-verita` tal-fatti attribwiti tkun sostanzjalment ippruvata u l-qorti tkun sodisfatta li dik il-prova saret fl-interess pubbliku, il-kawza civili ghad-danni ma tistax tirnexxi.

4. F’dan il-kuntest – u ghalhekk fil-kuntest ta’ l-ewwel u tat-tieni aggravju ta’ l-appellant – din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament l-atti u l-provi kollha, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ma kienitx ghal kollox korretta fl-apprezzament fattwali li ghamlet kif ukoll fl-esposizzjoni legali minnha moghtija fis-sentenza appellata. Jibda biex jinghad li ghall-qarrej ordinarju li jaqra l-artikolu inkriminat, il-fatti li kjarament qed jigu mqeghda quddiemu ma jirrigwardawx biss l-ammonti[6] li intefqu ghal-lozor u xugamani, izda qed jigi allegat bhala fatt li l-attur berbaq u nefaq flus il-poplu f’affarijiet li ma kienux mehtiega. Dan jirrizulta mhux biss mill-gustapposizzjoni bejn xiri (jew infieq) mill-Kummissjoni u xiri mill-Kummissarju, izda l-aktar mit-tieni paragrafu ta’ l-artikolu li jibda bil-kliem ***“Mhux maghruf x’kien l-iskop li l-ex-Kummissarju…”***. Il-qarrej ordinarju, dotat b’intelligenza ordinarja, ma jistax ma jifhimx li dak li qed jinghad huwa li, bhala fatt, l-attur nefaq ammont ta’ flus mhux zghir (anke jekk wiehed jikkonvertihom f’liri maltin) f’affarijiet li kienu ghal kollox inutili. Din l-allegazzjoni fattwali, ankorke` indiretta, hija wkoll parti mis-sinjifikat ordinarju tal-kliem:

**“What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the plaintiff has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning…The ordinary and natural**

[6] Ammonti kjarament indikati fl-lira sterlina permezz tas-simbolu “£” – ghalhekk hafna mill-argumenti li l-attur intilef fuqhom dwar li l-ammonti huma deliberatament *inflated* ma jregux, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha f’dan ir-rigward.

**meaning of words may be either the literal meaning or it may be implied or inferred or an indirect meaning; any meaning that does not require the support of extrinsic facts passing beyond general knowledge <u>but is a meaning which is capable of being detected in the language used</u> can be part of the ordinary and natural meaning…The ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a readonable reader guided not by any special but only by general knowledge, and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words."** [7]

5. Stabbilit li l-allegazzjoni fattwali kienet tinkludi dik li l-attur, meta kien Kummissarju Gholi ghall-Malta fl-Ingilterra, berbaq u nefaq flus f'affarijiet li ma kienux mehtiega, kien jispetta ghall-konvenuti li jipprovaw, galadarba taw l-eccezzjoni tal-verita` tal-fatti, li dik in-nefqa kienet verament wahda inutili (u li ghalhekk kien hemm tberbiq ta' flus). Fi kliem iehor, ma kienx bizzejjed li jigi ppruvat li dawk il-flus verament intefqu f'lozor u xugamani – haga li l-attur ma kienx qed jikkontestaha hlief in kwantu setghet inghatat l-impressjoni li l-ammont kien ta' liri maltin (u f'dan ir-rigward, jigifieri ta' jekk l-ammont kienx jiftiehem bhala liri maltin jew liri sterlini din il-Qorti diga` qalet li l-attur ma kellux ragun); dak li l-konvenuti kellhom jippruvaw kien li ma kienx hemm bzonn ta' dik il-kwantita` ta' lozor u xugamani. F'dan ir-rigward l-appellant ghandu ragun jilmenta, fir-rikors ta' appell tieghu, li mhux bizzejjed li wiehed jipprova parti biss mill-fatti.

**"Where the defendant pleads justification *simpliciter* the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"** [8]

---

[7] <u>Gatley on Libel and Slander</u> Sweet and Maxwell (London) 8th ed., para. 97, pp. 51-52.
[8] *<u>Ibid</u>*. paras. 1389-1390, pp. 568-569.

6. Minn ezami tal-provi jirrizulta car li meta l-attur ha l-kariga tieghu ta’ Kummissarju Gholi ta’ Malta fl-Ingilterra, huwa sab li r-residenza ufficjali tieghu kienet nieqsa minn kollox – bl-ingliz *completely bare*. Kien ghalhekk li kellu jinxtara kollox, inkluzi lozor u xugamani ghal erba’ kmamar tas-sodda, tliet kmamar tal-banju u zewg “toilets” (fol. 22). Kif fisser Saviour Stellini, allura Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin, fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti (fol. 71 *et seq.*), l-unika irregolarita` li jidher li kien hemm kienet li ma intalabx permess qabel ma nxtraw l-affarijiet:

**“Irrizulta li dawn [lozor u xugamani] kienu verament inxtraw, kienu qeghdin fuq l-inventarju. Mal-*conciliation* instab li l-affarijiet kienu inxtraw u qeghdin hemm. L-unika haga li kien hemm irrregolari kienet li ma ntalabx l-awtorizzazzjoni minn qabel peress li l-ammont kien daqsxejn sinjifikanti li f’Ambaxxata jkun hemm certa diskrezzjoni sa certu ammont. Kellna Direttur li jiehu hsieb l-Ambaxxati u skond huwa qal li ma kienx intalab permess biex jinxtraw minn qabel. <u>Kieku intalab il-permess konna nghidulu jixtrihom ghax kellu bzonnhom. M’ghandix dubbju fuq hekk. Meta dahal fir-residenza s-Sur Matrenza l-post ma kien fih kwazi xejn</u>.** (fol. 72).

7. Dan ifisser li l-allegazzjoni fattwali li l-attur kien qed iberbaq il-flus f’affarijiet mhux mehtiega – u li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, kien il-qofol ta’ l-artikolu ossia *the sting of the libel* – mhux biss ma gietx ippruvata, izda giet addirittura disdetta mill-oghla awtorita` fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin.

8. Apparti dan, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-mod kif xehed l-allura editur Joseph Zahra quddiem l-ewwel Qorti (deposizzjoni tal-14 ta’ Dicembru 2001, fol. 102 *et seq.*). Huwa jidher li ma kien jinterressah xejn li jivverifika <u>ghala</u> intefqet is-somma ta’ £1,687 f’lozor u xugamani. Kullma kien jinteressah kien l-ammont – ghax kien jidher mid-dokument li b’xi mod jew iehor kien gie f’idejh – u xejn aktar. Minn din id-deposizzjoni din il-

Qorti hija sodisfatta li mhux biss dan ma wettaqx l-obbligu tieghu li jipprovdi *“accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism”* izda li l-iskop principali – jekk mhux addirittura l-uniku skop ta’ l-artikolu – kien sabiex joskura lill-attur, u ghalhekk ftit li xejn jista’ jinghad li kien in bona fede ghall-finijiet ta’ l-eccezzjoni tal-verita` tal-fatti ibbazata fuq l-interess pubbliku.

9. L-appell ta’ l-attur, ghalhekk, jimmerita li jigi akkolt. Kwantu ghad-danni, din il-Qorti hi tal-fehma li, proprju minhabba dak li jinghad fil-paragrafu 8, *supra*, ir-responsabbilta` ta’ l-editur ghall-malafama tispikka aktar minn dik ta’ l-artikolist. Mill-banda l-ohra, kieku ma kienx ghall-fatt li l-attur stess emfasizza certi aspetti ta’ l-istampat in kwistjoni – li dwarhom ma ghandux ragun – a skapitu ta’ aspetti ohra, u b’dan il-mod probabbilment sgwida anke lill-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, id-danni li kienet takkorda din il-Qorti kienu jkunu akbar.

10. Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti immalafamaw lill-attur meta stampaw u kitbu l-artikolu intestat “£1,687 f’lozor u xugamani” li deher fil-harga ta’ “In-Nazzjon” tas-7 ta’ Jannar 1999; tilqa’ wkoll it-tieni talba attrici, u tikkundanna (a) lill-konvenut Joseph Zahra jhallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400) u (b) lill-konvenut Joe Mikallef tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn lira (Lm200) – fiz-zewg kazijiet bl-imghax legali dekoribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez, kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------